# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 119/2008 PC**

**Denise Galea; u**
**Daniel Camilleri**

**vs**

**Maria Assunta Azzopardi; u**
**John Buġeja**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-missier l-atturi Peter Paul Camilleri miet fis-sena elfejn u tmienja kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tal-mewt markat bħala Dok. A;

Illi kif jirriżulta ill-annessi riċerki testamentarji markati bħala Dok 'B' u 'C' rispettivament, Peter Paul Camilleri rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz tas-segwenti testmenti: wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001) Nutar Mariosa Grech, wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, ħamsa (5) ta' Settembru elfejn u sebgħa (2007), Nutar Anthony Hili u ieħor fis-sitta (6) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008), Nutar Anthony Hili liema testmenti qed jiġu hawn annessi u markati bħala Dok. 'D' sa Dok 'H' rispettivament;

Illi permezza tat-testment tal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu elfejn u sebgħa (2007), Peter Paul Camilleri ħassar il-preċedenti testamenti kollha u filwaqt li alla (*sic)* diversi legati lill-oħtu konvenuta Maria Assunta Azzopardi u lill-konvenut l-ieħor John Bugeja innomina bħala eredi universali tiegħu lill-konvenuta Maria Assunta Azzopardi u lil John Bugeja;

Illi in forza tat-testment sussegwenti u ċioe' dak tal-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fit-tieni artikolu, Peter Paul Camilleri ordna d-diżeredita' ta' l-atturi Denise u Daniel aħwa Camilleri għar-raġuni li skont t-testatur huma ħatja fil-konfront tiegħu ta' moħqrija u sevizz ai termini ta' l-artikolu 623(d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-atturi qed jiċħdu bil-qawwa din l-allegazzjoni u allura din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppruvata minn min jallega a tenur ta' l-artikolu 625 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-atturi ddeċidew li ma jaċċettawx il-wirt ta' missierhom imma minflok qed jipproċedu biex jieħdu l-porzjon risevata skont il-Liġi u għal dan il-għan anke preżentaw in-nota opportuna fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja hawn annessa u markata bħala Dok 'I' u in forza ta' liema nota żammew validi u fermi d-drittijiet tagħhom għall-porzjon riservata skont il-Liġi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Peter Paul Camilleri tat-testment tal-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fit-tieni artikolu fejn Peter Paul Camilleri ordna d-diżeredita' ta' l-atturi Denise u Daniel aħwa Camilleri għar-raġuni li skont t-testatur huma ħatja fil-konfront tiegħu ta' moħqrija u sevizz ai termini ta' l-artikolu 623(d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta bħla nulla u inattendibbli u konsegwentement tħassar l-effetti tagħha;

2. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Peter Paul Camilleri billi tiddikjara l-konsistentza ta' l-assi ta' Peter Paul Camilleri li jirriżultaw spettanti lilu fid-data tal-mewt tiegħu;

3. Tillikwida l-porzjon riservat dovuta lill-atturi Denise Galea u Daniel Camilleri;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-atturi l-porzjoni riservata hekk likwidata favur tagħhom;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jidhru fuq l-att relattiv għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-porzjon riservata fuq imsemmija u kif likwidata;

6. Tiffissa ġurnata, ħin u lok għal publikazzjoni ta' l-att relattiv u tinnomina nutar pubbliku għall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru fuq il-kuntratt fl-eventwalita' kontumaċja tal-konvenuti fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 24/2008 AE, ta' l-ittra uffiċċjali numru (*sic*).

Bl-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi qed jiġu kkontestati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi huwa fl-ewwel lok kontestat li d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Peter Paul Camilleri fit-testment tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 li permezz tiegħu ordna li jiġu diżereditati l-atturi wliedu hija nulla u inattendibbli u dan peress li din id-disposizzjoni tiegħu kienet ġustifikata għall-aħħar u saret skont il-liġi, kif ser jiġi ppruvat ulterjorment f'din il-kawża;

3. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, anki f'każ li jiġi dikjarat li din id-disposizzjoni testamentarja hija nulla u inattendibbli, m'hemmx raġuni għaliex tiġi assenjata xi porzjon li tista' talment tkun riservata lill-atturi mill-eredita' tad-decujus u dan għaliex (i) sabiex din tiġi kkalkulata jeħtieġ li qabel xejn, għall-fini tal-komputazzjoni relattiva, jitnaqqsu mill-eredita' dawk il-propjetajiet mertu tal-legati u prelegati renumeratorji li tħallew in vista tas-serviġi u assistenzi mogħtija lid-decujus miż-żewġ konvenuti, u li l-atturi ma kkontestawx f'din il-kawża; u (ii) din il-leġittima talment spettanti lilhom ġiet abbundantament superata bis-saħħa ta' donazzjoni ta' proprjeta' li d-decujus tahom in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-5 ta' Marzu 1998 atti Nutar Joanne Cauchi (Dok. MA 1);

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* dwar l-ewwel talba tal-atturi.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar din it-talba.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li klawsola fit-testment ta' missierhom tal-5 ta' Settembru 2007, li biha ġew diżereditati tiġi dikjarata nulla, billi mhux minnu li huma kienu ħatja ta' xi swat jew moħqrija fil-konfront tiegħu. Konsegwentement jitolbu wkoll il-likwidazzjoni u ħlas mingħand l-eredi nominati tal-porzjon riservat spettanti lilhom skont il-liġi.

Ġara illi missier l-atturi, Peter Paul Camilleri, miet fid-9 ta' April 2008 wara marda terminali li ħakmitu fl-aħħar żminijiet ta' ħajtu.[1] Huwa kien għamel diversi testmenti matul ħajtu, imma b'dak tal-31 ta' Awwissu 2007 irrevoka t-testmenti kollha preċedenti u ħalla bħala eredi universali tiegħu lill-konvenuti, filwaqt li ddikjara li b'dak li kien ta qabel lill-uliedu, kien eżawrixxa l-obbligu tiegħu dwar il-porzjon riżervat spettanti lilhom skont il-liġi.[2] Imma b'testment ieħor li sar ħames t'ijiem biss wara, Peter Paul Camilleri ddiżereda lill-istess uliedu *"ghar-raguni li l-imsemmija uliedu huma hatja ta' mohqrija u sevizzi fil-konfront tat-testatur u dan ai termini tal-artikolu sitt mija u tlieta u ghoxrin (623) ittra (d) tal-Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Kif ingħad, bl-ewwel talba tal-kawża tagħhom, l-atturi qed jikkontestaw din il-klawsola, u s-sentenza presenti hija limitata għal din l-ewwel talba. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw id-diżeredazzjoni u li huma r-relevanti għall-każ tal-lum insibuhom f'dawn l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili:
**623. " Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 630, ir-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista' jigi dizeredat huma dawn biss li gejjin: ... ... ... (d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'ohra sar hati ta' mohqrija lejh;**

**625. (1) Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni."**

Kif intqal f'ċirkostanzi piuttost simili, fejn it-testatur kien l-ewwel innomina lill-attriċi bħala waħda mill-werrieta tiegħu, imma f'testment sussegwenti ddizeredha:

[1] Ara ċertifikat dwar riċerki testamentarji, a fol. 6 tal-proċess
[2] Ara kopja ta' dan it-testment, esebita bħala Dok. AH 1 a fol. 245 – 251 tal-proċess
[3] Ara kopja ta' dan it-testment esebit bħala Dok. AH 2 a fol. 252 – 253 tal-proċess

*" Ir-raguni li setghet twassal lit-testatur biex jaqta' lill-attrici mill-wirt trid tkun wahda li nqalghet wara t-28 ta' Gunju 1982, billi dakinhar it-testatur kien ghamel testment li fih kien hatarha wahda mill-werrieta tieghu, u dan juri illi, sa dakinhar, ma kellu xejn kontrieha. Fit-testment tat-13 t'Awissu 1990, izda, xlieha b'"mohqrija", taht l-art. 623(d) tal-Kodici Civili, u din il-mohqrija kienet in-nuqqas taghha li tmur tara lil ommha, mart it-testatur, meta kienet l-isptar bl-ahhar marda u ma marritx ghall-funeral taghha wara li mietet".* [4]

Jekk jiġi segwit dan ir-raġunament, ikun ifissser li fil-każ in eżami jrid jiġi stabilit kenitx ġrat xi ħaġa daqstant gravi bejn il-jum li fih sar it-testment tat-30 ta' Awwissu 2007, meta Peter Paul Camilleri, għalkemm ma ħalliex lil uliedu bħala eredi tiegħu, rrikonxxa d-dritt tagħhom għall-porzjon riservat, u dak tal-5 ta' Settembru 2007, meta ddikjara li kien qed jiddiżeredahom għal kollox minħabba swat u moħqrija.

Imkien fil-kors tas-smiegħ tal-provi f'din il-kawża ma kien hemm xi ħjiel li l-atturi xi darba sawtu lil missierhom. Din ir-raġuni tista' għalhekk tiġi skartata mill-ewwel. Jibqa' sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm il-moħqrija fil-konfront tiegħu da parti ta' uliedu, f'dan il-perijodu daqshekk qasir, tant li ġiegħlet lit-testatur jbiddel fehmtu b'mod hekk drastiku li ma jippermettix li uliedu jieħdu xi ħaġa mill-ġid tiegħu.

Il-Kodiċi Ċivili tagħna, għalkemm isemmi **l-moħqrija** bħala raġuni sew għas-separazzjoni bejn il-miżżewġin, kif ukoll fil-kuntest ta' suċċessjoni, kif għandha hawnhekk, ma jagħti ebda definizzjoni ta' din il-kelma. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, l-atturi jikkontendu li din il-moħqrija għandha tkun waħda li tirrikjedi xi azzjoni fiżika diretta kontra t-testatur. Insibu jingħad fil-ġurisprudenza f'dan ir-rigward, għalkemm f'kuntest ta' kawża għas-separazzjoni:

*"Illi mohqrija tinkludi dawk l-atti ta' maltrattament, li minkejja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta' dak li jkun trendi l-hajja konjugali mpossibbli.*

*Illi l-ligi taht l-artikolu 40, taghmel riferenza ghall-mohqrija izda mhux ghall-sevizzi, izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizzi jfissru l-istess haga.*

*Illi fil-kawża "Camilleri utrinque" deċiża fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Ċivili kienet qalet:*

[4] P.A. 30.10.2003: Filippa Debono et. vs Alfred Falzon et

*"Per sevizie nei senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti".*

*Illi fil-kawża "Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud" deċiża fit-30 ta' Ġunju 1961, il-Qorti qalet:-*

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*[5]

Fil-każ in eżami nsibu li l-atturi, wara li l-ġenituri tagħhom kienu sseparaw,[6] meta huma kienu għadhom tfal u baqgħu jirrisjedu ma' ommhom, għamlu xi sitt xhur jibqgħu jżuru lill-missierhom, imma mbagħad qatgħu għal kollox, tant li spiċċaw lanqas biss ikellmuh jew iħarsu lejh, għalkemm kienu jirrisjedu fl-istess triq u anke jgħaddu minn quddiemu. L-attriċi lanqas biss kienet stednitu għat-tieġ tagħha. L-atturi jiġġustifikaw dan il-komporatment tagħhom billi jgħidu li kienu ġew trawmatizzati bix-xeni ta' vjolenza diretti prinċipalment lejn ommhom u fil-presenza tagħhom, li kien jagħmel missierhom meta kienu għadhom jirrisjedu flimkien. Din l-attitudini baqgħet tippersisti sa ftit xhur qabel ma miet missierhom meta mbagħad reġgħu bdew iżuruh.

Kif tirrikjedi l-liġi fl-artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili, ġialadarba l-konvenuti qed isostnu din ir-raġuni għad-diżeredazzjoni, u dan huwa evidenti mit-tieni eċċezzjoni tagħhom, jispetta lilhom li jressqu l-provi meħtieġa dwar dan. Imma l-konvenuti ma kienu f'posizzjoni jagħtu ebda spjegazzjoni dwar x'wassal lit-testatur f'temp biss ta' ħamest ijiem li jbiddel l-intenzjoni tiegħu u jaqta' lill-uliedu mill-wirt, tant li lanqas riedhom jieħdu l-porzjon riservat. Meta sar it-testment tat-30 ta' Awwissu 2007, l-atturi, kif ingħad, kienu ġia ilhom snin twal ma jkellmux jew jinvistaw lill-missierhom. Madankollu, u minkejja kollox u l-uġiegħ tal-qalb ta' missier f'perijdou ikraħ ta' marda teminali, t-testatur sa dakinhar xorta waħda ma ħassx li kellu jiddiżereda lil uliedu għal kollox. Fin-nuqqas ta' prova sodisfaċenti li ġrat xi ħaġa serja li ġiegħlet lil Peter Paul Camilleri jbiddel fehmtu f'perijodu daqstant qasir, ma tirriżulatx il-moħqrija li tista' tiġġustifika li t-testatur jiddiżereda lil uliedu, kif kontemplat fl-artikolu 623(d) tal-Kap. 16. Għalhekk l-atturi jistħoqqolhom jingħataw raġun f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, tiddeċidi f'dan l-istadju billi, filwaqt illi tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u:

---

[5] P.A. 2.10.2003: Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi

[6] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Dr. Joanne Cauchi tal-5.03.1998, a fol. 117 – 121 tal-proċess

Tiddikjara d-disposizzjoni testamentarja magħmula minn Peter Paul Camilleri fit-tieni artikolu tat-testment tiegħu tal-ħamsa (5) ta' Settembru elfejn u sebgħa (2007), fejn ordna d-diżeredita' tal-atturi Denise Galea u Daniel Camilleri għar-raġuni li, skont it-testatur, huma ħatja fil-konfront tiegħu ta' moħqrija u sevizzi ai termini tal-artikolu 623(d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala nulla u inattendibbli u konsegwentement tħassar l-effetti tagħha.

Tħalli għalhekk il-kawża għall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-oħra.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

27.09.2016 – Ċit119.2008 – Galea Denise et vs Azzopardi Maria Assunta et
1859